# ID-DAWL

FRAR 2018 NUMRU 2

## “Il-Ħniena Tiegħi tħaddan kollox”



L-Għan tal-Ħolqien | Il-Kastig tal-Blasfemija | Il-Patrijottiżmu Sinċier | Id-Dnubiet u l-Maħfra

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# IS-SID TAL-UNIVERS

Il-kobor, it-tjubija u s-sbuħija ta' Alla huma bla paraguni. Waħda mill-attributi l-iktar importanti u fundamentali ta' Alla hi dik li hu 's-Sid tal-Univers kollu'. Dan ifisser li hu Alla li jgħajjex u jsostni lill-popli kollha. Hu jissodisfa dak kollu li hu neċessarju u jipprovdi dak kollu meħtieġ biex il-popli kollha, mingħajr ebda distinzjoni, ikunu jistgħu jgħixu.

Alla, skont l-Iżlam, hu Alla għad-dinja kollha. Hu Alla tal-Musulmani, u għalhekk jipprovdilhom il-proviżjonijiet u n-nutrimenti kollha meħtieġa. Hu wkoll Alla tal-Insara u tal-Lhud u għalhekk jipprovdilhom dak kollu li hu meħtieġ f'din id-dinja.

Hu wkoll Alla tal-Ħindu, is-Sikhs u l-popli ta' kull fidi u reliġjon u għalhekk tahom ilkoll ir-riżorsi tal-ħajja u s-sostinenza. Fil-fatt, Alla jipprovdi wkoll lil dawk li ma jemmnux fih u jaħsbu li dak kollu li għandhom hu jew riżultat tal-isforzi tagħhom inkella riżultat tal-progress xjentifiku.[1]

Għalhekk, huwa importanti ħafna li wieħed għandu jiżviluppa rabta b'saħħitha ma' Alla.

[1]: L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla, p.7

**ID-DAWL**
Frar 2018 – Numru 2 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Jekk tridu tirċievu kopja elettronika fil-futur ta' **ID-DAWL**, iktbulna: **amjmalta@gmail.com**
Jew aqraw **ID-DAWL** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

Il-Qoxra: Trifonenkolvan | shutterstock    Stampa p.6: Reephotoeasy | shutterstock    Stampa p.7: Alexkich | shutterstock

# L-GĦAN TAL-ĦOLQIEN

"Għalkemm nies differenti, minħabba n-nuqqas ta' viżjoni tagħhom jew minħabba n-nuqqas ta' kuraġġ, joħolqu għanijiet diversi f'ħajjithom u jaslu biss sa skopijiet u xewqat tad-dinja, madanakollu l-għan li Alla l-Omnipotenti speċifika fil-Kelma Qaddisa Tiegħu huwa dan:

> **Jiena ħloqt il-ġinni u l-bnedmin ħalli dawn jagħrfuni u jagħtuni qima.** [Il-Koran Imqaddes, 51:57]

Skont dan il-vers l-għan ewlieni tal-ħajja tal-bniedem huwa l-qima u l-għarfien ta' Alla l-Omnipotenti u l-imħabba lejH."

### Il-Ħallieq biss jista' jamar l-Għan tal-Ħajja

Huwa evidenti li mhux f'idejn il-bniedem li għandu jiddeċiedi dwar l-għanijiet ta'ħajtu bis-setgħa tiegħu stess daqskemm il-bniedem ma jasalx f'din id-dinja bir-rieda tiegħu, u ma jitlaqx minnha meta jixtieq hu. Huwa esseri maħluq u Dak li ħolqu u għanieh b'fakultajiet aħjar u ogħla minn dawk ta' kreaturi oħra ordna għan għal ħajtu. Jekk wieħed jifhimx dak l-għan jew le, bla dubju ta' xejn l-għan tal-ħolqien tal-bniedem huwa l-adorazzjoni u l-għarfien ta' Alla l-Omnipotenti u li wieħed iħalli lilu nnifsu f'idejH."

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], Ruħani Kħażain, vol. 10, p. 414)

# KLIEM L-GĦERF

- "Intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla, fittxu t-triq li twassalkom għal Għandu u ħabirku bil-modi Tiegħu ħalli tkunu tistgħu tistagħnew."
(Il-Koran Imqaddes, 5:36)
- "L-għemejjel huma ġġudikati skont l-għanijiet u l-intenzjonijiet li jkun hemm warajhom."
- "Persuna li verament tindem minn dnubietha ssir bħal wieħed li qatt ma dineb."
- "Ħallsu l-pagi tal-ħaddiem qabel ma jinxef l-għaraq tiegħu."
- "Li taqla' l-għajxien b'mod ġust ukoll huwa Ġiħad."

(Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

# IL-BLASFEMIJA

## MISTOQSIJA: X'inhu l-kastig tal-blasfemija fl-Iżlam?

Bid-dagħa jew blasfemija nifhmu mġiba jew lingwaġġ li juru nuqqas ta' rispett lejn il-profeti jew ir-reliġjonijiet. Id-dagħa mhux biss iweġġa' s-sentimenti reliġjużi tal-individwi, iżda jħarbat il-paċi u l-armonija ta' kull soċjetà u joħloq ukoll problemi fil-ħarsien tal-liġijiet u l-ordni pubblika.

Bla dubju ta' xejn il-libertà tal-espressjoni hija meħtieġa għall-progress u l-iżvilupp ta' soċjetà. Iżda din il-libertà ma tistax tintuża biex wieħed jinsolenta r-reliġjonijiet. Għalhekk l-Iżlam jipprojbixxi d-dagħa iżda ma jitkellem imkien dwar kastigi ta' din id-dinja indirizzati lejn il-blasfemija. L-ebda mewt jew kastig ieħor.

Il-Koran Imqaddes jiskoraġġixxi bil-qawwa kollha l-imġiba u d-diskors indeċenti, jew it-tkażbir tas-sentimenti tal-oħrajn, sal-punt li l-Musulmani huma pprojbiti b'mod sever li jinsolentaw l-idoli u l-allat foloz tal-infidili. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> **"La tgħajrux lil dawk (l-allat) li jqimu minflok lil Alla, biex ma jgħajrux lil Alla, b'inġustizzja u bla ma jafu."**
> (6:109)

Madanakollu, m'hemm l-ebda kastig fiżiku mill-bniedem imniżżel għall-blasfemija fl-Iżlam minkejja kollox.

Il-mistoqsija tqum allura, kif għandhom jirreaġixxu l-Musulmani meta jsibu ruħhom quddiem din is-sitwazzjoni? Alla jiddirieġi lill-Musulmani fil-Koran Imqaddes u jgħid:

> **"Meta tisimgħu li l-versi ta' Alla jiġu miċħuda u mkażbra, toqogħdux ħdejhom (*dawk in-nies*) sakemm ibiddlu d-diskors. Jekk tibqgħu magħhom, mela tkunu bħalhom."** (4:141)

Dan il-vers jgħid ħafna fuq dan is-suġġett. Meta ssibu ruħkom f'qagħda bħal din, warrbu, għall-inqas sakemm jibqgħu jitħaddtu b'dan il-mod moqżież.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] sofra kull sura ta' abbuż kemm verbali kif ukoll fiżiku tul ħajtu kollha. Waħda mara kienet titfagħlu ż-żibel kuljum; fuq l-art tal-battalja f'Uhud il-Profeta safa midrub serjament. Meta żar il-belt ta' Taif, safa mweġġa' sewwa. Zijuh inqatel f'battalja. Bintu Zainab waqgħet minn fuq ġemel u tilfet it-tarbija, u dan wassal għall-mewt tagħha stess, biex insemmu ftit eżempji.

Madanakollu, qatt ma kkastiga lil ħadd. Meta daħal Mekka rebbieħ u kellu s-setgħa kollha biex ipattiha lill-għedewwa għatxana għad-demm, huwa ddikjara maħfra assoluta lil kulħadd u qal:

**"Tassew, intom ma jkollkom l-ebda kastig illum u l-ebda diżapprovazzjoni."**

## IL-MUSULMANI JEMMNU FIL-PROFETI KOLLHA

"Aħna [il-Musulmani], ma nużaw qatt lingwaġġ offensiv fir-rigward ta' Profeti ta' popli oħra.

Fil-fatt, nemmnu li għall-Profeti kollha li ġew għall-popli differenti tad-dinja u kienu aċċettati minn miljuni ta' persuni madwar id-dinja, u l-imħabba għalihom u n-nobbiltà tagħhom hija stabbilita b'mod sod fi kwalunkwe parti tad-dinja, u iktar minn hekk li dan l-istat ta' devozzjoni u mħabba għalihom għadda mill-prova taż-żmien, din hi evidenza biżżejjed tal-awtentiċità u l-verità tagħhom.

Li kieku ma kinux mibgħuta minn Alla ma kinux jiġu aċċettati fuq skala daqshekk kbira minn miljuni fuq miljuni ta' qlub. Alla ma jippermettix unur bħal dan fuq dawk li mhumiex fil-grazzja tiegħu. Jekk xi impostur jipprova jokkupa l-pożizzjoni tagħhom, malajr jinġieb f'postu."

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], Ruħani Kħażain, vol. 23, p.452-453)

# ID-DNUBIET KOLLHA SE JIĠU KKASTIGATI?

"Fid-dinja tal-lum teżisti l-impressjoni li Alla kif ippreżentat mill-Iżlam hu Alla estremament kattiv u dominanti. Ħafna jaħsbu li Hu jamar bil-forza u x-xogħol waħdieni tiegħu hu li jamministra l-kastigi u jibgħat in-nies l-infern.

Tabilħaqq, ta' spiss wieħed jaħseb li Alla tal-Iżlam jikkastiga bla ħniena kull żball jew dnub, kemm jekk kbir kif ukoll insinifikanti. Fil-verità dan it-twemmin hu kompletament żbaljat u inġust.

Alla li naduraw u li nemmnu li hu omnipotenti hu kompletament sovran u għalhekk għandu l-qawwa li jagħmel kollox u kulma jrid. Fl-istess ħin, hu dejjem ħanin. Għalhekk, Alla s-Setgħani, fil-Koran ta lin-nies l-aħbar tajba li l-ħniena u l-kompassjoni Tiegħu qegħdin hemm għal kulħadd. Dan wieħed isibu f'Kapitlu 7, Vers 157.

F'vers ieħor tal-Koran, Alla jgħid li dawk in-nies li wettqu l-ħażen kontra ruħhom m'għandhomx jiddispraw u jitilfu l-fiduċja. Il-vers jispjega kif Alla jista' jaħfer id-dnubiet kollha, għax Hu l-iktar li Jaħfer u l-iktar Ħanin. (Kapitlu 39, Vers 54)

**[Għid: "Ja qaddejja tiegħi li wettaqtu għemil oġġezzjonabbli kontra ruħkom stess, taqtgħux qalbkom mill-ħniena ta' Alla. Alla tabilħaqq jaħfer id-dnubiet kollha. Huwa tassew Kollu Maħfra, Ħanin."]**



Band'oħra, Alla jgħid illi li ma kienx għall-Grazzja u l-Ħniena Tiegħu, kien jaqa' kastig kbir fuq in-nies tad-dinja minħabba l-għemejjel ħżiena u l-kalunja tagħhom. (Kapitlu 24, Vers 15)

Eżempju ieħor tal-imħabba infinita ta' Alla huwa meta qal li l-premju għall-azzjonijiet tajba jkun għaxar darbiet ikbar mill-valur tal-att, iżda l-kastig għall-ħażin li wieħed jagħmel ma jkun qatt ikbar mill-att żbaljat innifsu.

Dawn il-ftit eżempji juru n-natura vera ta' Alla tal-Iżlam. Nistaqsi, dawn l-eżempji jagħtu dehra ta' Alla kattiv u tiranniku, jew inkella, jippontaw lejn Alla benevolenti, mimli mħabba u kompassjoni? Fis-sewwa, wieħed jista' jsib diversi versi fil-Koran Imqaddes fejn nitgħallmu dwar il-ħniena, il-kompassjoni u l-benevolenza ta' Alla."

(Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla, p.3-4)

# IL-MARA

**Il-kritiċi jallegaw li skont il-Koran, in-nisa huma biss mezz ta' sodisfazzjon sesswali u jitqiesu bħal għelieqi li jridu jinħartu.**

Il-Koran Imqaddes jgħid: "In-nisa tagħkom huma r-raba' tagħkom bl-għan tat-tnissil, għaldaqstant ersqu lejn ir-raba' tagħkom kif tridu, iżda żommu f'moħħkom il-kundizzjonijiet meħtieġa tar-raba', jiġifieri, araw li jkollkom l-unjoni b'mod li ma toħonqux it-twelid tat-trabi... [2:224]

Naturalment jekk il-mara hija marida jew hemm ċertezza li t-tqala se tqiegħed lil ħajjitha fil-periklu, jew ikun hemm xi raġuni valida oħra, dawn jgħoddu bħala eċċezzjonijiet. Altrimenti huwa assolutament ipprojbit fix-Xarija li jkun hemm it-tixkil tat-twelid tat-tfal.

Kull persuna sensibbli tista' tapprezza li qegħdin niddeskrivu lill-mara bħala raba' minħabba l-fatt li hija twelled it-tfal. Wieħed mill-għanijiet taż-żwieġ huwa li qaddejja devoti ta' Alla jitwieldu ħalli jagħtu qima Lilu.

Għan ieħor Divin huwa li r-raġel u l-mara jkunu jistgħu jipproteġu lilhom infushom minn ħars u mġiba illeċiti.

Hemm it-tielet għan, li huwa dak li minħabba r-rabta konjugali tagħhom, huma jiffrankaw l-uġigħ tas-solitudni."

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], Ruħani Kħażain, vol. 23, p. 292-293)



# AWGURI VALLETTA

## Li sirt il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018
## Mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta

## IL-PATRIJOTTIŻMU SINĊIER

"Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, għallem li 'l-imħabba lejn pajjiżek hi parti mill-fidi'. Għalhekk, fl-Iżlam il-patrijottiżmu sinċier hu meqjus bħala xi ħaġa neċessarja. Biex verament iħobb lil Alla u lill-Iżlam l-individwu jrid iħobb ukoll lin-nazzjon tiegħu. Għalhekk, huwa ċar biżżejjed, li ma jistax ikun hemm kunflitt ta' interess bejn l-imħabba li persuna jkollha lejn Alla, u l-imħabba tagħha lejn il-pajjiż. Billi l-imħabba lejn il-pajjiż hi parti mill-Iżlam, huwa ċar biżżejjed li l-Musulman irid jistinka biex jilħaq l-ogħla livelli ta' lealtà lejn pajjiżu, għaliex dan huwa mezz ta' kif jista' jilħaq lil Alla u jkun qribu. Għaldaqstant, huwa impossibbli li l-imħabba vera li l-Musulman iħaddan lejn Alla tista' qatt isservi bħala impediment għalih biex juri mħabba u lealtà vera lejn pajjiżu." (Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana)

**"L-IMĦABBA LEJN PAJJIŻEK HI PARTI MILL-FIDI."**

(Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**